**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 269**
**It-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**20306. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17973 u jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f’reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

26/06/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - REKLAMI FUQ STAZZJONIJIET TAT-TELEVIXIN - NEFQA**

**20330. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17979 u jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f’reklami fuq stazzjonijiet tat-televixin mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-istazzjonijiet li l-Ministeru xtara r-reklami?

26/06/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba minn Jannar sa Settembru 2024.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL – KORRISPONDENZA MILL-KUMMISSJONI TAL-UNJONI EWROPEA FIR-RIGWARD ENTRY/EXIT SYSTEM**

**20373. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'din l-aħħar sena, il-Ministeru jew xi entitajiet li jaqgħu taħtu, irċevewx korrispondenza mill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' Entry/Exit System, u f'każ li iva, iqiegħed din il-korrispondenza fuq il-Mejda tal-Kamra?

01/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li dwar is-suġġett hemm kuntatt kontinwu mal-Kummissjoni Ewropea. Ninsab infurmat ukoll li kien hemm korrispondenza fuq livell Ewropew lil kull membru taż-Żona Schengen u mill-informazzjoni li għandi din il-korrispondenza hija f’dan l-istadju kunfidenzjali.

Seduta 269
29/10/2024

**ANNUAL REPORT OF THE REGULATOR - GRANTING OF CITIZENSHIP FOR EXCEPTIONAL SERVICES**

**20374. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkun qed joħroġ l-Annual Report of the Regulator - Granting of Citizenship for Exceptional Services li jkopri s-snin 2022 u 2023?

01/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-dokumenti meħtieġa jitpoġġew fuq il-mejda tal-Kamra wara li jiltaqa u japprova l-Kumitat ta' Monitoraġġ li jikkonsisti fil-Prim Ministru, il-Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni.
Seduta 269
29/10/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA – DEĊIŻJONIJIET MILL-BORD TAL-INĠUSTIZZJI**

**20375. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Fid-dawl tad-deċiżjonijiet li ħarġu reċentement mill-Bord tal-Inġustizzji fir-rigward tal-Forzi Armati ta' Malta, jista' l-Ministru jgħid jekk il-kalkolu tal-arretrati li qed jingħataw humiex se jiġu kkalkulati bl-istess formola ta' kalkulazzjoni eżatta bħalma ġie kkalkulat f'deċiżjonijiet oħra passati?

01/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Dan il-Gvern huwa kommess li jibqa jsewwi inġustizzji ta' Gvern preċedenti qabel l-2013. Infurmat li l-mekkaniżmu sabiex jiġu kkalkulati l-arretrati ser jinħadem bħas-snin preċedenti.
Seduta 269
29/10/2024

**FORZI ARMATI TA' MALTA – DEĊIŻJONIJIET MILL-BORD TAL-INĠUSTIZZJI**

**20376. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Fid-dawl tad-deċiżjonijiet li ħarġu reċentement mill-Bord tal-Inġustizzji fir-rigward tal-Forzi Armati ta' Malta, jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna applikat għal rimedju u kemm minn dawn intlaqgħet it-talba tagħhom?

01/07/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li kien hemm 746 persuna li dehru quddiem l-aħħar bord. Minn dawn kien hemm 606 persuna li preżentaw id-dokument iffirmat li jaċċettaw id-deċiżjoni bħala finali, filwaqt li hemm il-proċess tal-128 appell.
Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - ĦADDIEMA**

**20964. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fid-dekasteru u fis-segretarjat tiegħu li jaħdmu part-time?

06/08/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - ĦADDIEMA**

**20965. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fid-dekasteru u fis-segretarjat tiegħu li jaħdmu part-time?

06/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li t-total ta' ħaddiema li jaħdmu part-time huwa ta' 591. Dawn iservu f'oqsma varji.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - ĦADDIEMA**

**20966. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fid-dekasteru u fis-segretarjat tiegħu li jaħdmu part-time?

06/08/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li 7 ħaddiema fid-dekasteru jaħdmu fuq bażi parti-time.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - ĦADDIEMA**

**20967. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ħaddiema fid-dekasteru u fis-segretarjat tagħha li jaħdmu part-time?

06/08/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u l-entitajiet li jaqgħu taħtha hemm b'kollox 24 ħaddiem part time.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - ĦADDIEMA**

**20968. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fid-dekasteru u fis-segretarjat tiegħu li jaħdmu part-time?

06/08/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ĦADDIEMA**

**20969. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fid-dekasteru u fis-segretarjat tiegħu li jaħdmu part-time?

06/08/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 269
29/10/2024

**TFAL LI GĦAMLU UŻU MILL-HELPLINE 179**

**21070. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li għandhom bejn l-14 u s-17-il sena u talbu l-għajnuna fuq il-Helpline 179 minn Jannar sa Diċembru 2023 u minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn kellhom 14, 15, 16 u 17-il sena minn Jannar sa Diċembru 2023 u minn Jannar 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'kienet it-tip t'għajnuna li talbu?

20/08/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, s-servizz tan-***National Supportline 179*** huwa wieħed ibbażat fuq l-anonimità u li, għaldaqstant, hija fid-diskrezzjoni ta' min iċempel jekk jagħtix dettalji personali jew le, inkluż l-età.
F' dan il-kuntest, nista' ngħarraf li fis-sena 2023 kien hemm biss sejħa waħda fejn min ċempel ta d-dettalji tiegħu / tagħha u żvela li l-età kienet bejn l-14 u s-17-il sena.
Bejn Jannar u Ġunju, 2024 kien hemm 3 każijiet ta' persuni li ċemplu fejn żvelaw li kellhom bejn 14 u 17-il sena.
Fl-erba' każijiet is-suġġett tas-sejħa kien dwar għajnuna għal dak li *prima faciae* kien jidher bħala abbuż fuq tfal.

Seduta 269
29/10/2024

**SKEJJEL – SERVIZZI TA' COUNSELLING**

**21071. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li użaw is-servizzi ta' counselling fl-iskejjel pubbliċi fis-sena skolastika 2023-2024? Jista' jgħid ukoll x'kienet l-età tagħhom u għal liema raġuni ħtieġu din l-għajnuna?

20/08/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 269
29/10/2024

**STUDENTI LI MA KOMPLEWX L-IKOLA OBBLIGATORJA**

**21072. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li ma komplewx l-iskola obbligatorja fis-sena skolastika 2023-2024?

20/08/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kien hemm 10 studenti li ma komplewx l-iskola obbligatorja matul is-sena skolastika msemmija. L-istudenti msemmija kollha kellhom rekord ta' assenteiżmu. Konsegwentement, ġew riferuti għal diversi servizzi biex jgħinuhom jintegraw ruħhom bis-saħħa ta' strateġiji varji bħal pereżempju time-table ridotta.
Għaldaqstant, il-professjonisti involuti, flimkien mat-tim maniġerjali tal-iskola, qablu li l-aħjar strateġija għall-ġid tal-istudent tkun li jintegra ruħu fid-dinja tax-xogħol. Infurmat li t-talbiet kollha għall-eżenzjonijiet jintbagħtu u jiġu approvati mid-DIER. Hekk kif toħroġ l-eżenzjoni jkunu mmarkati bħala eżentati fuq l-MIS.
F'każ li l-istudent ikollu diffikultajiet soċjali jsir kuntatt ma' servizzi jew professjonisti oħra involuti. L-eżenzjonijiet jinħarġu biss għal dawk l-istudenti li jkunu għalqu 15-il sena.

Seduta 269
29/10/2024

**EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS - LISTA TA' STENNIJA GĦALL-ASSESSJAR**

**21073. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li għadhom qed jistennew l-assessment tal-educational psychologist? Jista' jgħid ukoll x'inhi d-data tal-iktar referral antika bħalissa?

20/08/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-proċess hu wieħed kontinwu u rigoruż.
Seduta 269
29/10/2024

**STATEMENTING BOARD –LISTA TA' STENNIJA GĦALL-ASSESSJAR**

**21074. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal li għadhom qed jistennew l-assessment tal-Istatementing Board? Jista' jgħid ukoll x'inhi d-data tal-iktar applikazzjoni antika bħalissa?

20/08/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li dan il-proċess hu wieħed kontinwu u rigoruż.
Seduta 269
29/10/2024

**MINURI LI QED JIRREĠISTRAW GĦAX-XOGĦOL**

**21075. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm minuri ta' 16 u 17-il sena li qed jirreġistraw għax-xogħol?

20/08/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-persuni ta' 16 u 17-il sena li kienu qed jirreġistraw għax-xogħol sal-aħħar t'Awwissu 2024 kien biss ta` 37 persuna. Filwaqt li t-total ta' persuni kontinwament ikun baxx f'dawn l-etajiet, juri li żgħażagħ idumu żmien qasir ifittxu impjieg sew jekk hux l-ewwel impjieg jew bdiel ta' impjieg.
Seduta 269
29/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21397. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Kif l-Onor. Interpellanta konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jingħabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.

Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal per eżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21398. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Kif l-Onor. Interpellanta konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jingħabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.

Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pere¿empju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21399. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. IAN BORG:** Kif l-Onor. Interpellant konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.
Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.
Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21400. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Kif l-Onor. Interpellanta konxja, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.

Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.
Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLUTRA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21401. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Kif l-Onor. Interpellanta konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.
Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - RENDIKONT TA' NEFQA F'ATTIVITAJIET TA' RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI**

**21402. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat tan-nefqa f'attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi li saru mill-Ministeru u minn kull entità li taqa' taħtu għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-23 ta' Settembru 2024? Għal kull attività, jista' jagħti:
a. L-isem l-attivita;
b. L-iskop tal-attività;
c. It-tip ta' attività (press conference eċċ.);
d. Id-Data tal-attività;
e. Il-post fejn saret;
f. Rendikont dettaljat tan-nefqa (kiri tal-post, backdrops, sistema tas-sound, dwal, materjal ippubblikat, eċċ); u
g. Reklamar u/jew promozzjoni marbuta mal-attività?

25/09/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Kif l-Onor. Interpellant konxja, ladarba kienet hi wkoll tagħmel parti f'tim ta' tmexxija għall-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili, it-tagħrif speċifiku mitlub diffiċli li jinġabar mingħajr ma jinvolvi spejjeż oħrajn li mhumiex relatati.
Ninformaha li l-organizzazzjoni ta' attivitajiet simili tinvolvi wkoll xogħol u materjali li spiss jintużaw aktar minn darba f'attivitajiet simili, bħal pereżempju kif inhu l-każ f'kampanji li jtulu.

Seduta 269
29/10/2024

**AWTORITÀ GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA - CEO**

**21566. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk saritx sejħa pubblika għal kariga ta' CEO tal-Awtorità responsabbli għall-azzjoni dwar il-klima? Jekk saret, meta saret u kemm applikaw persuni għal din il-kariga?

07/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħatra ta' Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima saret skont il-provvedimenti tal-Artiklu 12(2) tal-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima (Kap. 643), hekk kif maqbul miż-żewġ naħat tal-Kamra.

Seduta 269
29/10/2024

**QORTI ĠDIDA TA' GĦAWDEX**

**21599. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20395 li oriġinarjament saret lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar u jgħid x'inhuma l-aħħar żviluppi dwar il-bini ta' qorti ġdida ġewwa Għawdex?

08/10/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15367.

Seduta 269
29/10/2024

**KUNTRATT TAT-TLIET SPTARIJIET - SIDE LETTERS MA' ŻEWĠ KUMPANIJI**

**21600. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 20325 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u jgħid kemm saru side letters mal-kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament, fir-rigward tal-kuntratt li kien sar mat-tliet sptarijiet? Jista' jgħid ukoll kemm tħallsu flus mill-Ministeru għall-Finanzi ai termini ta' dawn is-side letters minn meta bdew jitħallsu dawn iż-żewg kumpaniji u kemm kien it-total ta' flus li ngħataw dawn il-kumpaniji jew sussidjarji tagħhom bis-saħħa ta' dawn is-side letters?

08/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat b'kollox saru 9 side letters. Dawn is-side letters kienu tibdil fuq il-kuntratt oriġinali. Għaldaqstant il-ħlasijiet li ħarġu ma kinux biss jirrigwardjaw is-side letters iżda anke l-kuntratt oriġinali u ma tistax taqasamhom f'pagamenti seperati.
Seduta 269
29/10/2024

**XUFIERA TAL-AMBULANZI**

**21652. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hijiex prassi li xufiera tal-ambulanzi jinżammu u jkollhom kuntratt ta' impjieg imġedded anke wara li jilħqu l-età tal-irtirar? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx kriterju li bih jiġi deċiż jekk xufier li jkun laħaq l-età tal-irtirar jitħalliex jirtira jew jinżammx?

08/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li x-xuffiera tal-ambulanzi jistgħu jingħataw estensjoni lil hinn mill-età statutorja tal-irtirar, skont valutazzjoni li ssir mill-Occupational Health Unit biex tikkonferma l-kapaċità tagħhom li jwettqu d-dmirijiet deskritti fid-deskrizzjoni tax-xogħol tagħhom. Din il-miżura hija implimentata biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà kemm tal-impjegati kif ukoll tal-pazjenti.
Seduta 269
29/10/2024

**SAJJIEDA LI GĦANDHOM IKTAR MINN BASTIMENT WIEĦED**

**21684. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm sajjieda li ddikjaraw li għandhom aktar minn bastiment wieħed tas-sajd?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 95 sajjied professjonali u 128 sajjied rikreazzjonali li ddikkjaraw li għandhom iżjed minn bastiment wieħed tas-sajd.

Seduta 269
29/10/2024

**SKEMA TAS-SAJD - ĦADDIEMA ŻGĦAŻAGĦ**

**21685. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm żgħażagħ li mill-iskema tas-sajd applikaw biex ikollhom impjieg f'dan is-settur? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm sajjieda li qed jibbenefikaw talli qed iħaddmu dawn iż-żgħażagħ?

09/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21667.

Seduta 269
29/10/2024

**ĦAL TARXIEN - XOGĦLIJIET FIL-PJAZZA**

**21686. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ħa jibdew ix-xogħlijiet fil-pjazza ta' Ħal Tarxien?

09/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ix-xogħol fil-pjazza ta' Ħal Tarxien jibda' fl-ewwel kwart ta' 2025, wara li tagħlaq is-sejħa għall-offerti li qed tiġi mħejjija għall-pubblikazzjoni.

Seduta 269
29/10/2024

**BORMLA - GROUND DELCEPPO**

**21687. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-proġett tal-Ground Delceppo f'Bormla, jista' l-Ministru jgħid:

i. Meta suppost tlesta l-ground il-ġdid ta' Bormla?
ii. F'liema stadju wasal dan il-proġett?
iii. Meta ħa jkun uffiċjalment lest minn kollox u miftuħ?

09/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Bormla li x-xogħol fuq l-imsemmi proġett għadu għaddej. S'issa tlestiet kompletament il-fażi ewlenija u l-faċilitajiet infetħu għall-pubbliku. Il-fażi li jmiss tinkludi changing rooms u kafeterija hija ppjanata li titlesta fl-ewwel kwart tas-sena 2026.

Seduta 269
29/10/2024

**BORMLA - ĠNIEN KOTTONERA**

**21688. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid minn meta nfetaħ Ġnien Kottonera f'Bormla f'2007, x'kienet il-manutenzjoni li saret f'dan il-ġnien u kemm intefqu flus sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

09/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru ikkonċernat.

Seduta 269
29/10/2024

**BORMLA - ĠNIEN KOTTONERA**

**21689. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid minn meta nfetaħ Ġnien Kottonera f'Bormla f'2007, x'kienet il-manutenzjoni li saret f'dan il-ġnien u kemm intefqu flus sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

09/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 269
29/10/2024

**IL-FGURA – SQAQ FI TRIQ A.M. VALPERGA**

**21691. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'passi jistgħu jittieħdu sabiex id-drenaġġ li jidher li qiegħed jiskula fi sqaq intern fi Triq A. M. Valperga Fgura jiġi mwaqqaf u rimedjat?

09/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 269
29/10/2024

**IL-FGURA – SQAQ FI TRIQ A.M. VALPERGA**

**21692. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid x'passi jistgħu jittieħdu sabiex id-drenaġġ li jidher li qiegħed jiskula fi sqaq intern fi Triq A. M. Valperga Fgura jiġi mwaqqaf u rimedjat?

09/10/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 269
29/10/2024

**IL-FGURA – SQAQ FI TRIQ A.M. VALPERGA**

**21693. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'passi jistgħu jittieħdu sabiex id-drenaġġ li jidher li qiegħed jiskula fi sqaq intern fi Triq A. M. Valperga, il-Fgura jiġi mwaqqaf u rimedjat?

09/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li wara investigazzjoni li għamlet il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rriżulta li dan l-iskular mhuwiex ġej mill-infrastruttura tagħha, iżda minn proprjetà privata, u għaldaqstant il-każ ġie riferut lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

Seduta 269
29/10/2024

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ SAN ĠWANN - TISWIJA TA' ĊANGATURA MKISSRA**

**21694. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ittieħdux il-passi neċessarji sabiex iċ-ċangatura li hemm miksura u perikoluża fi Triq San Ġwann fil-Belt Valletta fil-parti ta' bejn Triq ir-Repubblika u Triq id-Dejqa jiġu msewwija u rimedjata?

09/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat

Seduta 269
29/10/2024

**IL-BELT VALLETTA – TRIQ SAN ĠWANN - TISWIJA TA' ĊANGATURA MKISSRA**

**21695. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ittieħdux il-passi neċessarji sabiex iċ-ċangatura li hemm miksura u perikoluża fi Triq San Ġwann fil-Belt Valletta fil-parti ta' bejn Triq ir-Repubblika u Triq id-Dejqa jiġu msewwija u rimedjata?

09/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li wara konsultazzjonijiet estensivi mal-komunità tan-negozju tal-inħawi, ġie deċiż li x-xogħlijiet fi Triq San Ġwann jibdew f'Jannar, sabiex jiġi evitat telf ta' negozju matul il-perjodu għar-retail sales. Infrastructure Malta se tkun qed tieħu ħsieb dawn ix-xogħlijiet, li se jindirizzaw il-periklu taċ-ċangatura miksura, jsir re-surfacing u jinbidlu servizzi. Sadanittant, se jsiru wkoll tiswijiet minuri biex jitnaqqas kull periklu għal dawk li jużaw it-triq.

Seduta 269
29/10/2024

**IL-GUDJA – MIRJA TAT-TRAFFIKU**

**21696. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara li jiġu installati mirja tat-traffiku sabiex jgħinu lil min ikun qiegħed isuq fi Triq Santa Katarina għall-Triq San Ċiru, u kif ukoll minn Triq Bettina għal fuq it-triq prinċipali, fil-Gudja?

09/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma' rċeviet l-ebda talba għal *road traffic mirrors* fit-toroq imsemmija. Dawn huma toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant proposta jew applikazzjoni għal tali infrastruttura għandha tiġi mingħand il-Kunsill Lokali dirett.

Seduta 269
29/10/2024

**WAITING LISTS**

**21772. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni fuq il-lista ta' stennija fl-aħħar ta' Settembru 2024 jistennew:
i) biex isirilhom MRI;
ii) knee replacement;
iii) hip replacement;
iv) katarretti;
v) hernias?

10/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirrferi għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 20432.
Għar-rgward tal-lista ta' persuni li qed jistennew li jagħmlu l-operazzjoni tal-hernia, ninsab infurmat li hawn 366 persuna li ilhom aktar mill-perjodu stipulat fiċ-Charter tal-Pazjent. Ikun hemm bosta raġunijiet għala dan il-perjodu jinqabeż, imma nassigura lill-Onor. Interpellant li f'każijiet urġenti, l-operazzjoni ssir fl-iqsar żmien possibbli.

Seduta 269
29/10/2024

**TAS-SLIEMA - THE STRAND - INFURZAR**

**21773. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara li jsir l-infurzar meħtieġ f'The Strand, f'Tas-Sliema, minħabba li kumpanija tal-kiri tal-iscooters, muturi u quads qed tokkupa art pubblika bil-vetturi tagħha?

10/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi s-sezzjoni tal-infurzar fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għamlet numru ta' spezzjonijiet fil-lokazzjoni msemmija u ħadet il-miżuri ta' nfurzar kollha neċessarji.

Seduta 269
29/10/2024

**BULLYING FL-ISKEJJEL - RAPPORTI**

**21903. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li rrapurtaw bullying fuqhom fl-iskejjel u x'passi ttieħdu mill-Ministeru?

15/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 19722.

Seduta 269
29/10/2024

**CPSU – MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**21915. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk il-mediċini out of stock skont ir ir-records tas-CPSU fl-1 ta' Ottubru 2024?

16/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 269
29/10/2024

**MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**21916. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta nħarġu u ser jagħlqu t-tenders tal-prodotti mediċinali li hemm 'out of stock' u meta huwa kkalkulat li se jaslu Malta jiġifieri kemm se jdumu 'out of stock'? Sa meta se jwassal l-istock preżenti tal-mediċini u prodotti oħra li jaqgħu fl-iskema tal-POYC u li mhumiex out of stock, biex jinqdew it-talbiet tal-klijenti u l-pazjenti?

16/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-informazzjoni tat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21915.

Seduta 269
29/10/2024

**MEDIĊINI OUT OF STOCK**

**21917. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk jagħtix garanzija li l-mediċini fil-lista tal-POYC mhux ħa jkunu 'out of stock'? Jista' jgħid ukoll jekk il-proċess biex dawn ma jkunux 'out of stock' jiġifieri li tasal il-konsenja Malta qabel ma jispiċċaw?

16/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Gvern hu impenjat li jara li l-mediċini ma jkunux out-of-stock. Tant hu hekk li s-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU) u l-Medicines Authority qegħdin ikunu proattivi sabiex kemm jista' jkun dan il-għan jintlaħaq għall-ġid tal-pazjant.
Madankollu, wieħed irid iżomm f'rasu li għadhom jinħassu l-effetti tal-iskarsezza ta' mediċini l-aktar imħabba problemi ta' manifattura u ta' loġistika li jista' jwassal biex ċerti kunsinji jaslu lokalment.
Infakkar lill-Onor. Interpellant, li anke fil-laqgħa riċenti mal-Ministru għas-Saħħa Ċiprijot, Michael Damianos, wieħed mis-suġġetti trattati kien li naħdmu kif ser ngħelbu l-isfidi komuni li ż-żewġ pajjiżi jesperjenzaw bħala pajjiżi żgħar fl-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aċċess għall-mediċini. Qbilna li nkomplu naħdmu flimkien ma' pajjiżi oħra speċjalment dawk żgħar fi ħdan l-UE, sabiex infittxu soluzzjonijiet għal xiri ta' mediċini innovattivi u mediċini li huma meħtieġa f'ammonti żgħar biex b'hekk permezz ta' din il-kollaborazzjoni jibbenefikaw il-pazjenti.
Seduta 269
29/10/2024

**NOISE DIRECTIVE 2002/49/EC U NOISE ACTION PLAN 2019 - 2024**

**21918. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għan-Noise Directive 2002/49/EC u b'referenza għan-Noise Action Plan 2019 - 2024, tista' l-Ministru tagħti rendikont ta' dak li sar s'issa?

16/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tipprepara mapep tal-istorbju għas-sorsi regolati minn din id-Direttiva, li huma t-traffiku mit-toroq, l-avjazzjoni u l-industrija ta' ċertu kobor. Dawn isiru kull ħames snin kif rikjest mid-Direttiva nnifisha. L-aħħar mapep ġew żviluppati għas-sena bażi 2021, irrappurtati lill-Unjoni Ewropea u disponibbli fuq il-websajt minn din il-ħolqa https://era.org.mt/topic/noise-maps/
Fir-rigward tan-Noise Action Plan, dan jistipula l-viżjoni ta' kif Malta bi ħsiebha tnaqqas il-livelli tal-istorbju minn dawn is-sorsi, u tippreserva l-livelli fejn huma kunsidrati tajbin. Il-lokalitajiet li jeħtieg li jiġu prijoritizzati qed jiġu identifikati filwaqt li l-miżuri inklużi f'dan il-pjan qed jiġu wkoll studjati permezz ta' 'Cost Benefit Analysis'. Dan qed isir biex nassiguraw li l-miżuri li jiġu implimentati jrendu benefiċċju mill-investiment filwaqt li jnaqqsu l-livelli tal-ħsejjes. Apparti minn hekk, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjan, l-ERA ħadmet ukoll fuq eżerċizzju biex tivvalida l-mapep tal-ħoss u tikkalibra l-mudell li jintuża biex jiġu kalkulatti l-livelli tal-ħoss.
Seduta 269
29/10/2024

**ISTANBUL CONVENTION 2012**

**21919. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għall-Istanbul Convention ta' 2012 li kien ratifikat fl-2014 u fejn Malta hija firmatarja tiegħu, fejn hemm imniżżel li f'każ ta' vjolenza domestika huwa l-ġeneru maskili li għandu jinħareġ mid-dar tal-koppja u diversi drabi dan mhuwiex il-każ, jista' l-Ministru jgħid għaliex dan ma jseħħx?

16/10/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li s-servizz tal-Vjolenza Domestika tal-Aġenzija Appoġġ fi ħdan l-FSWS m'għandu l-ebda awtorità sabiex joħroġ lill-allegati aggressuri mir-residenza fejn jabitaw. Dan billi s-servizzi ma jagħmilx, u ma għandux r-rwol ta' infurzar tal-liġi imma ta' assistenza soċjali.
Seduta 269
29/10/2024

**TRANSPORT MALTA - FREEZING ORDER**

**21926. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kif Transport Malta approvat it-trasferiment ta' numru ta' karozzi qabel l-1 ta' Lulju 2023, minn fuq l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament għal fuq l-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament ukoll, it-tnejn tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, meta dawn iż-żewġ individwi u l-kumpanija kienu suġġetti għal freezing order mill-Qrati tagħna fl-istess żmien?

16/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 269
29/10/2024

**L-GĦAMMIERI, IL-BIĊĊERIJA, IL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - OVERTIME**

**21927. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21014, jista' l-Ministru jaqsam l-informazzjoni murija fit-tabella bejn in-nefqa ta' overtime tal-Għammieri, tal-Biċċerija, tal-Ministeru, u ta' kwalunkwe entità separata oħra li hemm inkluża fit-tweġiba?

16/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ma tistax tinqasam. Dan għaliex l-uffiċjali tas-sigurtà kollha jappartjenu taħt Direttorat wieħed, u dawn jintbagħtu f'postijiet differenti skont il-ħtieġa.

Seduta 269
29/10/2024

**TAL-QROQQ - XOGĦOL TA' MADUM KWADRU FIL-ĦRUĠ TAL-MINI**

**21987. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm oriġinarjament ġie jiswa x-xogħol ta' tqegħid ta' madum kwadru li kien sar fil-ħruġ tal-mini ta' Tal-Qroqq? Jista' jgħid ukoll jekk sarux interventi ulterjuri ta' tiswija fuq il-madum li nqala', u kemm dawn it-tiswijiet ġew jiswew?

17/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol ta' tqegħid ta' madum fid-dħul u l-ħruġ tal-mini ta' Tal-Qroqq sar bħala parti mill-proġett ta' rijabilitazzjoni ta' dawn il-mini. L-interventi li saru fuq il-ħitan u l-portals tal-mini, inkluż fost l-oħrajn it-tindif, it-trattament tal-ħitan u t-tqegħid ta' madum, ġie jiswa madwar €300,000. Fis-snin li għaddew, saru diversi interventi ta' tiswija fuq il-madum, kollha bi spejjeż għal kuntrattur.

Seduta 269
29/10/2024

**KAROZZI ĠODDA TAL-LINJA**

**21988. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-karozzi ġodda tal-linja li tħabbru li ġew introdotti l-ġimgħa l-oħra humiex ġodda jew second-hand?

17/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn il-vetturi qatt ma kienu ntużaw u għaldaqstant mhumiex second hand.

Seduta 269
29/10/2024

**BCRS – KONTENITURI RITORNATI**

**21992. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 21350, tista' l-Ministru tgħid l-vawċers li skadew, x'se jsir/x'sar minnhom il-fondi tagħhom?

17/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Hekk kif stipulat fir-regolamenti li jirregolaw l-Iskema, leġiżlazzjoni sussidarja 549.134, l-Operatur għandu jżomm u jopera kont separat għar-rifużjoni ta' depożiti, li jirreġistra l-movimenti finanzjarji kollha tal-irċevuti u l-pagamenti tad-depożitu mill-operatur.
Vawċers għar-rifużjoni tad-depożiti li, għal kwalunkweraġuni, ma jiġux mifdija fi żmien tnax (12)-il xahar mid-data tal-ħruġ, jiġu meqjusa bħala dħul li għandu jerġa' jiġi ri-investit għall-ġestjoni u l-operat tal-Iskema.

Seduta 269
29/10/2024

**L-IMĠARR MALTA - TRAFFIC MANAGEMENT - PETIZZJONI**

**21996. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18758 u 21355 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18488 dwar il-petizzjoni 'Diskussjoni għal sistema ta' Traffic Management aħjar fi Triq Sir Temi Zammit, l-Imġarr', jista' l-Ministru jgħid min kienu l-istakeholders li ltaqa' magħhom il-Ministeru?

17/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 269
29/10/2024

**GRAWNDS TAL-FUTBOL**

**21997. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21353 u l-mistoqsija parlamentari 20168 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u l-Proġetti Strateġiċi u jgħid fiex wasal l-agreement li kien ippreżentat u ffirmat biex il-klabbs li d-dettalji dwarhom qed jingħataw separatament ikollhom grawnd tagħhom wara li nbena wieħed ġdid għall-klabb li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

17/10/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 269
29/10/2024

**SPTAR MATER DEI - WARD TEMPORANJU MIU 1**

**22003. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamnetari 21334 u jgħid jekk il-ward 'temporanju' MIU 1, hux ser jibqa' jopera b'mod permanenti u jekk iva, x'inhu l-pjan biex ikun hemm aktar dinjità għall-pazjenti?

17/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-MIU 1 hi "Major Incident Unit" u li bħalissa qed jinbidel l-iskop tal-użu tagħha għal "short stay unit" biex fiha tilqa' pazjenti li għandhom bżonn kura qasira.

Seduta 269
29/10/2024

**SPTAR SAN LUQA - PROĠETT TA' DIPARTIMENT TA' OUTPATIENTS**

**22004. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsja parlamentari 21333, jista' l-Ministru jgħid meta ser jitħabru d-dettalji tal-proġett ta' dipartiment ġdid ta' Outpatients fejn qabel kien hemm l-Isptar San Luqa, u meta hu ppjanat li jinfetaħ għall-pubbliku?

17/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji jitħabru fil-ħin propizju.

Seduta 269
29/10/2024

**SPTAR MATER DEI – WARD ĠDIDA GĦALL-KURA TAS-SAĦĦA MENTALI**

**22005. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsja parlamentari 21332, jista' l-Ministru jgħid meta ser jitħabru d-dettalji tal-ward ġdida għall-kura tas-saħħa mentali fl-Isptar Mater Dei, meta ser tinfetaħ u f'liema parti tal-isptar ser tkun?

17/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji jitħabru fil-ħin propizju.

Seduta 269
29/10/2024

**SKEJJEL PRIMARJI TAL-ISTAT - NEFQA GĦAL STATIONERY**

**22058. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa għal stationery biex tintuża mill-għalliema u mill-edukaturi fl-iskejjel primarji tal-Istat mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-1 ta' Ottubru 2024?

18/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża totali għall-iskejjel primarji tal-Istat matul il-perjodu msemmi kien ta' €54,957.42
Seduta 269
29/10/2024

**SKEJJEL MEDJI TAL-ISTAT - NEFQA GĦAL STATIONERY**

**22059. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa għal stationery biex tintuża mill-għalliema u mill-edukaturi fl-iskejjel medji tal-Istat mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-1 ta' Ottubru 2024?

18/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża totali għall-iskejjel medji tal-Istat matul il-perjodu msemmi kien ta' €10,466.01
Seduta 269
29/10/2024

**SKEJJEL SEKONDARJI TAL-ISTAT - NEFQA GĦAL STATIONERY**

**22060. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa għal stationery biex tintuża mill-għalliema u mill-edukaturi fl-iskejjel sekondarji tal-Istat mill-1 ta' Ġunju 2024 sal-1 ta' Ottubru 2024?

18/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ispiża totali għall-iskejjel sekondarji tal-Istat matul il-perjodu msemmi kien ta' €22,144.37
Seduta 269
29/10/2024

**SKEJJEL PRIMARJI TAL-ISTAT - GĦALLIEMA U EDUKATURI - STATIONERY**

**22061. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista dettaljata tal-istationery li l-għalliema u l-edukaturi fl-iskejjel primarji tal-Istat huma eleġibbli għalihom?

18/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-Stationery tinxtara mill-amministrazzjoni tal-iskejjel skont il-ħtiġijiet partikulari tal-għalliema u l-edukaturi.
Seduta 269
29/10/2024

**SKEJJEL MEDJI U SEKONDARJI TAL-ISTAT - GĦALLIEMA U EDUKATURI - STATIONERY**

**22062. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti lista dettaljata tal-istationery li l-għalliema u l-edukaturi fl-iskejjel medji u sekondarji tal-Istat huma eleġibbli għalihom?

18/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-Stationery tinxtara mill-amministrazzjoni tal-iskejjel skont il-ħtiġijiet partikulari tal-għalliema u l-edukaturi.
Seduta 269
29/10/2024

**IDPC - PENALITAJIET AMMINISTRATTIVI**

**22131. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew imposti penalitajiet amministrattivi (irrispettivament tal-mod kif deskritti) da parti tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (IDPC) mill-bidu tal-2022 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kienet il-penali f'kull każ, jekk ġietx ikkontesta quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u jekk kienx hemm xi kontestazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minħabba allegat ksur tal-kostituzzjoni?

21/10/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor.Interpellant li mis-sena 2022 sal-21 t'Ottubru 2024 ġew imposti disa` (9) multi amministrattivi u erbgħa (4) minnhom ġew appellati mill-kontrollur quddiem it-Tribunal għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data. Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minħabba allegat ksur tal-kostituzzjoni fir-rigward ta' dawn id-deċiżjonijiet li kienu jinvolvu l-multi amministrattivi. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi l-ammont tal-multi amministrattivi imposti fil-perjodu msemmi.
Seduta 269
29/10/2024

**TRABI MWIELDA FL-2023 U FL-2024**

**22132. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm twieldu trabi fis-snin 2023 u 2024 skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO)? Jista' jgħid ukoll:
a. kemm minnhom huma minn ġenituri Maltin;
b. kemm minnhom huma minn ġenituri barranin;
ċ. kemm minnhom huma minn ġenitur Malti u l-ieħor barrani;
d. kemm minnhom huma minn ġenitur single parent Malti; u
e. kemm minnhom huma minn ġenitur single parent barrani?

21/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-aħħar statistika disponibbli relatata ma' twelid ħaj ta' residenti hija għas-sena ta' referenza 2023. Fl-2023 kien hemm 4,462 twelid ħaj ta' residenti. Iċ-ċittadinanza tal-ġenituri hija mqassma kif ġej:

- Iz-zewġ ġenituri kienu Maltin – 2,688
- Iz-zewġ ġenituri kienu barranin – 1,220
- Ġenitur wieħed kien Malti u ġenitur wieħed barrani – 427
- Ġenitur li welldet kienet Maltija u ġenitur l-ieħor ma ġiex iddikjarat waqt ir-reġistrazzjoni – 64
- Ġenitur li welldet kienet barranija u ġenitur l-ieħor ma ġiex iddikjarat waqt ir-reġistrazzjoni – 27

Is-36 twelid li jifdal ġew estratti minn rekords mizmuma mill-awtoritajiet tas-saħħa. Dan is-sors jiġbor biss informazzjoni dwar il-ġenitur li weldet u għalhekk dawn it-twelid ma jistgħux jiġu kklassifikati kif deskritt hawn fuq.
Seduta 269
29/10/2024

**KAROZZA ELETTRIĊI - GRANTS**

**22151. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux kull min se jixtri karozza elettrika qabel l-aħħar ta' din is-sena, se jieħu l-grant?

21/10/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi min ser jixtri karozza elettrika ser jieħu l-grant.
Seduta 269
29/10/2024

**ĦOLQIEN TA' SPAZJI MIFTUĦA**

**22168. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'passi ttieħdu biex lokalitajiet urbani jiġu trasformati permezz tal-ħolqien ta' spazji miftuħa, pocket parks, green walls, roof gardens u żoni pedonali permanenti, inkluż parkeġġi pubbliċi taħt l-art? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri, fejn ġew implementati u n-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024 tal-proġetti nfushom kif ukoll in-nefqa fuq PR u marketing, maqsuma sena b'sena?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.
Seduta 269
29/10/2024

**RIĠENERAZZJONI TA' BJUT TA' BINJIET PUBBLIĊI FIL-QALBA TAL-IRĦULA**

**22169. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk inbdietx l-inizjattiva fejn il-bjut ta' binjiet pubbliċi fil-qalba tal-irħula jintużaw bħala roof gardens jew inkella jintużaw biex jiġġeneraw enerġija nadifa? Tista' tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva u t-tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 269
29/10/2024

**PARKEĠĠI TAĦT L-ART BI SPAZJI MIFTUĦA**

**22170. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern investiex fi proġetti ta' parkeġġi taħt l-art li fuqhom jinħolqu spazji miftuħa, u kif dawn il-proġetti qed jindirizzaw problemi ta' għargħar u l-ħażna tal-ilma tax-xita? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti u n-nefqa relatata fis-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12812. Project Green applikat għall-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar biex sussegwentement tkun tista' toħroġ is-sejħiet għall-offerti. Iż-żewġ proġetti jinkludu wkoll ħażna tal-ilma tax-xita biex jintuża għat-tisqija.

Seduta 269
29/10/2024

**ŻONI BIEX ISERVU TA' PARK AND RIDE GĦAR-RESIDENTI**

**22171. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk ġewx identifikati żoni barra miċ-ċentru tal-lokalitajiet biex iservu ta' park and ride għar-residenti, bil-għan li jitnaqqas it-traffiku fit-toroq arterjali? Tista' tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva u tgħid jekk u fejn ġiet implimentata jew jekk inbdietx il-ħidma? Tista' tipprovdi wkoll informazzjoni dwar it-tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.
Seduta 269
29/10/2024

**PROĠETT PILOTA GĦALL-ĦOLQIEN TA' ĠONNA KOMUNITARJI**

**22172. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi tagħrif dwar l-implimentazzjoni tal-proġett pilota għall-ħolqien ta' ġonna komunitarji f'lokalitajiet differenti fejn ir-residenti jkunu jistgħu jkabbru ħxejjex, frott u fjuri? Tista' tgħid jekk dan il-proġett ġiex implimentat jew jekk inbdietx il-ħidma fuqu filwaqt li tipprovdi dettalji dwar it-tqassim tan-nefqa fis-snin 2022, 2023 u 2024?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Project Green se tkun qed twettaq proġett ta' ġnien komunitarju fil-Qrendi, b'investiment li hu stmat li se jammonta għal €2 miljun. Bħalissa qed isir l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għal dan il-proġett. Barra minn hekk, l-aġenzija se tkun qed tinkludi elementi ta' community gardening f'ġonna oħrajn biex nintroduċu dan il-kunċett fil-qalba tal-irħula, fil-fatt dan se narawh fi proġetti li diġà qed ikunu ppjanati għal-lokalitajiet ta' San Ġwann u ż-Żejtun. Fil-frattemp Ambjent Malta se tkun qed tiżviluppa ġnien tal-komunità bħala parti mill-proġett ta' Wied Inċita, f'Ħ'Attard, li għalih l-Awtorità tal-Ippjanar għadha kemm tat l-approvazzjoni tagħha biex madwar 20,000 metru kwadru (20 tumoli) ta' art tiġi riġenerata bħala spazju pubbliku. Dan il-proġett maqsum f'żewġ fażijiet hu stmat li se jsir b'investiment ta' €750,000.
Seduta 269
29/10/2024

**REGOLI DWAR L-IŻVILUPP F'ODZ**

**22173. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk bdewx id-diskussjonijiet dwar regoli aktar stretti fejn jidħol żvilupp propost f'żoni barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ)? Tista' tipprovdi dettalji dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva?

21/10/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru konċernat.

Seduta 269
29/10/2024

**WIED IL-GĦAJN - TRIQ IS-SALINI, TRIQ IX-XATT U L-BAJJA TA' SAN TUMAS – PERMESSI GĦAL IMWEJJED U SIĠĠIJIET**

**22238. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21718, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-siteplan u l-pjanta għal kull permess imsemmi għal imwejjed u siġġijiet fi Triq is-Salini, Triq ix-Xatt u l-Bajja ta' San Tumas f'Wied il-Għajn?

22/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra s-siteplans u l-pjanti approvati. Dawn id-dokumenti huma aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-website tal-Awtorità tal-Ippjanar www.pa.org.mt.

Seduta 269
29/10/2024

**KUMPLESS TAT-TEATRU RJAL - STABBILIMENTI PRIVATI**

**22239. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' stabbilimenti privati li għandhom titolu u x'inhu t-titolu fuq proprjetà li tagħmel parti mill-kumpless tat-Teatru Rjal u/jew imissu miegħu, ikluż il-faċilitajiet kummerċjali?

22/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta li ngħatat għall-mistosija parlamentari 19310.

Seduta 269
29/10/2024

**EVICTION ORDERS ATTIVI**

**22240. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 18854, 19313, 20816 u 21716 u jippreżenta lista tal-eviction orders li għadhom attivi u li turi d-dati ta' meta nħarġu dawn l-ordnijiet?

22/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Risposta tingħata f'seduta oħra.

Seduta 269
29/10/2024

**RURAL SETTLEMENTS**

**22241. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokumentazzjoni kollha li ġiet mgħoddija lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex seta' jiskatta l-proċess rigward it-tibdil propost fil-parti tal-Pjani Lokali tal-2006 għar-Rural Settlements?

22/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokument mitlub ma huwiex wieħed li jaqgħa taħt l-Artiklu 33(2) tal-Kap 552, li jiddefinixxi liema huma d-dokumenti li għandhom ikunu aċċessibli u disponibbli għall-pubbliku.

Madankollu, d-dokumentazzjoni tikkonsisti f'istruzzjoni sabiex jigu ppublikati l-objettivi relevanti u li issa huma pubbliċi għal konsultazzjoni pubblika.

Dan kif titlob il-ligi.

Seduta 269
29/10/2024

**GĦAWDEX U KEMMUNA - PJANI LOKALI**

**22242. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokumentazzjoni kollha li ġiet mgħoddija lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex seta' jiskatta l-proċess rigward it-tibdil propost fil-parti tal-Pjani Lokali tal-2006 għal Għawdex u Kemmuna għal Għajnsielem u x-Xewkija?

22/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokument mitlub ma huwiex wieħed li jaqgħa taħt l-Artiklu 33(2) tal-Kap 552, li jiddefinixxi liema huma d-dokumenti li għandhom ikunu aċċessibli u disponibbli għall-pubbliku.

Madankollu, d-dokumentazzjoni tikkonsisti f'istruzzjoni sabiex jigu ppublikati l-objettivi relevanti u li issa huma pubbliċi għal konsultazzjoni pubblika.

Dan kif titlob il-ligi.

Seduta 269
29/10/2024

**IMWEJJED U SIĠĠIJIET - PERMESSI ĠODDA MAĦRUĠA MILL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

**22243. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' permessi ġodda maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-imwejjed u siġġijiet, mill-ewwel ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2024, maqsuma xahar b'xahar?

22/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' permessi eżekuttibli għal perjodu mitlub. Għal kull permess hemm indikat jekk dan huwiex permess full jew renewal (li jġedded il-validità ta' permess diġà eżistenti). L-informazzjoni murija f'din it-tabella ngabret mis-sistema tal-informatika tal-istess Awtorità fejn id-deskrizzjoni tal-proposta tinkludi l-kliem "tables and chairs" jew "outdoor catering" jew "outside catering".

Seduta 269
29/10/2024

**FORTI BENGĦAJSA - PROĊEDURI GĦAT-TERMINAZZJONI TAL-KIRJA**

**22253. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 21808 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17233, jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslu l-proċeduri ġudizzjarji għat-terminazzjoni tal-kirja għall-Fortizza ta' Bengħajsa?

22/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li fil-Prim Awla tal-qorti ċivili ġew ppreżentati 3 ittri uffiċjali għal dan il-għan.

Seduta 269
29/10/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - BERĠA**

**22351. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21978 dwar berġa f'San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jittieħdu sabiex terġa' tibda topera berġa fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar?

23/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta jkun hemm aktar żviluppi dawn jitħabru.

Seduta 269
29/10/2024

**IL-QAWRA - ĊENTRU TAS-SAĦĦA - SPEJJEŻ**

**22352. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-ispiża li saret dwar iċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Qawra u fiex tikkonsisti din l-ispiża? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx spejjeż oħra li mistennija jitħallsu għal dan il-proġett?

23/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 13153.
Ninsab infurmat li l-unika spiża li saret hi lill-Awtorità tal-Artijiet. Din kienet tammonta għal €2,620 bħala kera għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2023.

Seduta 269
29/10/2024

**SKOLA - ABBUŻ FIŻIKU – RAPPORTI**

**22353. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21551, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm każ/każijiet ta' rapporti dwar abbuż fiżiku minn edukatur/edukaturi fuq student/studenti fl-iskola li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament matul is-sena 2022? Jekk iva, meta saru dawn ir-rapporti? Jista' jgħid ukoll għal kull każ, jekk sarx rapport lill-pulizija?

23/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Infurmat li ma wasal l-ebda rapport ta' abbuż fiżiku matul is-sena msemmija.

Seduta 269
29/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22356. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

24/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari16938.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22357. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

24/10/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21468.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22358. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' d-Deputat Prim-Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

24/10/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16394.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22359. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

24/10/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat tweġiba li ngħatat lill mistoqsija numru 21470.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22360. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

24/10/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21471.

Seduta 269
29/10/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**22361. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Ottubru 2024?

24/10/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16397.

Seduta 269
29/10/2024

**IN-NAXXAR U L-IKLIN – KOSTRUZZJONI TA' TRIQ**

**22377. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 22010 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u jgħid min hu responsabbli mill-kostruzzjoni tat-triq li toħroġ mill-iskola tan-Naxxar u li tiftaħ fi Triq Giorgio Locano fl-Iklin? Jista' l-Ministru jikkonferma jekk din it-triq (ritratti annessi) hix inkluża fil-permess maħruġ mill-Planning Authority PA/09349/17?

24/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 269
29/10/2024

**PARTIAL LOCAL PLAN REVIEWS**

**22381. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm 'partial local plan reviews' bejn is-sena 2013 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u f'kull każ jgħid meta saret ir-review, u x'bidliet seħħew?

24/10/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba li diġà ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 14227 ta' din il-leġislatura. B'żieda, qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra informazzjoni addizzjonali.

Seduta 269
29/10/2024

**QAWRA, SAN PAWL IL-BAĦAR - PROPRJETÀ TAL-GVERN BIL-FAĊĊATA FUQ TRIQ IL-PORT RUMAN - AVVIŻ TA' TERMINAZZJONI**

**22382. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li għaliha ħareġ avviż ta' terminazzjoni fuq il-proprjetà tal-Gvern li għandha faċċata fuq Triq il-Port Ruman, il-Qawra, San Pawl il-Baħar, wara l-Iskola Primarja tal-Qawra? Jista' jgħid ukoll x'użu mistenni jsir minn din l-art?

24/10/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tindika preċiż għal liema propejetà qiegħda tirreferi.
Seduta 269
29/10/2024

**STUDENTI BIL-KUNDIZZJONI TAD-DYSLEXIA**

**22383. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il student li għandu l-kundizzjoni tad-dyslexia beda/kompla bl-istudju tiegħu fil-bidu ta' din is-sena skolastika? Jista' jaqsam din l-informazzjoni separatament għal kull livell ta' edukazzjoni (skejjel primarji, medji/sekondarji, terzjarja, MCAST, Università, eċċ.) u allura jgħid kemm hawn studenti li għandhom din il-kundizzjoni f'kull livell? Jista' wkoll jaqsam din l-informazzjoni skont jekk l-iskejjel humiex tal-Istat, tal-Knisja jew tal-privat?

24/10/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fl-iskejjel tal-Istat, it-total ta' studenti li talbu servizz tal-SpLD bil-profil ta' dyslexia huwa 1,809. Filwaqt li n-numru ta' studenti rreġistrati mal-Inclusive Education Unit fl-MCAST għal dyslexia hu ta' 302 student.
Infurmat li l-Università ta' Malta tista' tippublika l-figuri wara l-aħħar tas-sena.
Seduta 269
29/10/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – CLERICAL OFFICER**

**22388. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid meta se jinħarġu r-riżultati tal-interviews ta' Clerical Officer maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-31 ta' Mejju?

25/10/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat illi l-proċess jinsab fi stadju avvanzat.
Seduta 269
29/10/2024

**MEDIĊINA - PROLIA (DENOSUMAB)**

**22391. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux il-ħsieb li t-tilqima Prolia (Denosumab) tibda tingħata b'xejn lill-anzjani li jeħtiġuha kull sitt xhur?

25/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tas-Saħħa qed fil-fażi finali għal dak li hu trattament ta' dawk li għandhom osteoporożi u qegħdin fil-first u second-line treatment.
Ninforma lill-Onor. Interpellant li hi l-intenzjoni tad-Dipartment li fil-futur jesplora l-procurement ta' dawk li huma għal third line treatment.

Seduta 269
29/10/2024

**LABAR TAL-INSULINA 4MM MINFLOK 6MM GĦALL-ANZJANI**

**22392. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jikkunsidrax it-talba ta' bosta anzjani li minħabba ħtiġijiet partikolari jeħtieġu użu ta' labra tal-insulina tal-4mm, minflok dik ta' 6mm biex tintuża tajjeb mingħajr ma jinħoloq inkonvenjent bla bżonn?

25/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li d-Dipartiment tas-Saħħa qed jesplora li jinxtraw sizes differenti tal-labar għall-insulina.

Seduta 269
29/10/2024

**FORMULARJU TAL-MEDIĊINI - VITAMINA D**

**22393. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jikkunsidrax li fuq il-formularju tal-mediċini l-Vitamina D tingħata b'xejn lill-anzjani?

25/10/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-Vitamina D tinsab fuq il-formularja u tista' ssir riċetta għaliha biex tingħata b'xejn lill-persuni li huma anzjani.

Seduta 269
29/10/2024